30 ta' Ottubru, 1953.

Imħallfin:

L-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Rosario Spiteri *versus* Michele Mifsud

**Pagament — Riċevuta — Ipoteka — Indiviżibilità — Art. 1153 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-pagament ta' dejn jista' jiġi pruvat mhux biss bl-irċevuti, imma anki b'mezzi oħra; u dan avvolja l-ipoteka li tkun inskritta relativament għal dak id-dejn ma tkunx tħassret. Basta li l-ġudikant, bil-provi forniti fil-ġudizzju, jakkwista ċ-ċertezza morali li l-ħlas ikun effettivament sar.*

*Imma, jekk id-dejn huwa dovut lil żewġ persuni, u l-obligazzjoni tkun minnha nnifisha diviżibili, billi tkun tikkonsisti fi ħlas ta' somma ta' flus, u ma jikkonkorrux raġunijiet biex jiġi ritenut li l-eżekuzzjoni ta' dik l-obligazzjoni, kif prospettata u stabbilita fil-kuntratt, ma tistax tiġi eżegwita biċċa biċċa, id-debitur ma jeħlisx mid-dejn tiegħu kollu billi jipprova li huwa ħallas kollox, jiġifieri s-somma ntiera, lil wieħed mill-kredituri, imma jibqa' tenut li jħallas lill-kreditur l-ieħor is-sehem li dan kellu mill-kreditu.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li bih l-attur talab, previji d-dikjarazzjonijiet neċessarji, speċjalment dik li l-konvenut iddekada mill-benefiċċju tat-terminu billi baqa' moruż għat-termini tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Carlo Micallef De Caro tat-30 ta' Mejju 1933, illi jiġi awtorizzat jeżegwixxi l-imsemmi kuntratt għas-somma ta' £37. 10. 6, kwantu għal £19 sehmu mill-kreditu msemmi fl-istess kun-

tratt, u kwantu għal £18. 10. 6 imgħaxijiet bil-5% fis-sena mid-data tal-kuntratt sat-30 ta' Novembru 1952. Bl-imgħaxijiet ulterjuri u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-11 ta' Diċembru 1952 u tal-mandat tal-qbid kawtelatorju tat-30 ta' Diċembru 1952;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fid-9 ta' Lulju 1953, li biha ġew miċħuda t-talbiet, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi in atti Carlo Micallef De Caro tat-30 ta' Mejju 1933, il-konvenut ikkostitwixxa ruħu ċert u likwidu debitur lejn l-attur u l-imsemmi Giovanni Portelli fis-somma ta' £34, prezz ta' laħam li kien ġie lilu mibjugħ u konsenjat, u fis-somma ta' £4 illi l-istess attur u Giovanni Portelli silfuh dak inhar stess tal-kuntratt, bl-interessi tal-5% fis-sena. L-attur qiegħed jitlob li jiġi awtorizzat jeżegwixxi dak il-kuntratt ċirka sitt snin wara l-mewt ta' l-imsemmi Giovanni Portelli, kważi għoxrin sena wara d-data ta' l-istess kuntratt, u kważi tmintax-il sena wara li l-konvenut, skond il-kondizzjonijiet stipulati fl-istess kuntratt, kien imissu ħallas kollox, billi hu kellu jħallas £19 fi żmien tliet xhur u nofs u l-bilanċ b'rati ta' £1 l-waħda kull xahar;

Il-konvenut eċċepixxa l-pagament, billi qal illi huwa kien ħallas is-somma intiera lill-imsemmi Giovanni Portelli. Il-konvenut għandu kwindi jipprova b'mod soddisfaċenti l-allegazzjoni tiegħu. L-attur mhux tenut li jipprova li l-ħlas ma sarx;

L-ipoteka relativa għadha veljanti, u l-konvenut ma pproduċa l-ebda dokument, lanqas sempliċi riċevuta, komprovanti l-ħlas; u naturalment l-aħjar prova kienet tkun dik li ssir per mezz ta' produzzjoni ta' dokumenti simili; iżda dana ma jfisserx li l-konvenut ma jistax jagħmel il-prova tal-pagament b'mezzi oħra, per mezz ta' testimoni, speċjalment jekk jipprova, kif jallega, illi l-imsemmi Giovanni Portelli ma taħx riċevuta;

Il-konvenut, fix-xhieda tiegħu, qal li ħallas is-somma intiera lil Giovanni Portelli..............;

L-attur xehed illi l-imsemmi Portelli qatt ma qallu li

l-konvenut kien ħallsu; li ftit qabel il-mewt ta' l-istess Portelli hu stieden lill-konvenut biex imur miegħu għand l-imsemmi Portelli biex jaħfrulu l-imgħax, u li f'dik l-okkażjoni..............;

Il-konvenut ċaħad dak kollu li l-attur xehed li hu qallu u l-konvenut irrispondih; xehed illi mill-jum li fih sar il-kuntratt sakemm l-attur bgħatlu l-ittra uffiċjali kelmu darba biss, ilu ħafna, fuq xi żiemel tal-ġiri;

*Omissis;*

Mix-xhieda ta' l-istess attur jirriżulta li Giovanni Portelli ilu mejjet ħafna; *intant* l-attur aġixxa l-lum kontra l-konvenut, u non ostante li dan dejjem, minn qabel ma miet Giovanni Portelli, kif xehed l-istess attur, ċaħadlu l-pretensjoni tiegħu. L-attur spjega li ma ħax passi legali qabel għaliex ma riedx jidħol il-Qorti "ma' bniedem bħall-konvenut";

Jirriżulta wkoll li l-konvenut ma tantx kien ifittex li jottjeni riċevuti għal pagamenti li kien jagħmel; u in rigward tal-każ preżenti, il-konvenut xehed illi Giovanni Portelli ma taħx riċevuta; u jekk Portelli ma taħx riċevuta, ċertament ma jistax jipproduċiha;

In kwantu għall-fatt li ma ottjeniex il-kanċellament ta' l'ipoteka, huwa xehed li ma tax każ tagħha. Issa, għalkemm wieħed ikun jirraġuna sewwa meta jaħseb u jgħid li min għandu ipoteka kontra tiegħu hu mistenni li jipprokura l-kanċellament tagħha meta ma jkunx hemm aktar raġuni għalfejn tibqa' inskritta kontra tiegħu, minn naħa l-oħra, fil-prattika jissuċċiedu każijiet meta wieħed iħallas dejnu u ma jagħtix każ ta' l-inskrizzjoni ipotekarja kontra tiegħu, u ma jitlobx li tiġi kanċellata. Bosta drabi ġara li wieħed jitlob il-kanċellament ta' l-ipoteka żmien wara li jkun ħallas, meta jinduna li dik l-ipoteka tkun qiegħda sservih ta' xkiel għal xi operazzjoni li jkun irid jagħmel;

Meta l-provi testimonjali jkunu f'konflitt reċiproku manifest, ikun hemm l-assoluta mankanza tal-prova, u l-konsegwenzi ta' din id-defiċjenza wisq ovvjament għandhom jirrikadu fuq min kien jaggrava l-oneri tal-prova. Imma fil-każ in diżamina ma hemmx dak il-konflitt apert reċiproku, billi x-xhieda tal-konvenut hija sostnuta bix-xhieda ta' l-imsemmi

Paolo Tabone u lumeġġjata minn ċirkustanzi oħra riżultanti mill-kumpless tal-provi;

Hija regola, kultant, iva, derogata bil-provi u l-preżunzjonijiet legali, flimkien ma' regoli oħra li qegħdin in bażi tad-dritt razzjonali probatorju, illi l-fatt għandu jiġi ritenut suffiċjentement pruvat meta l-ġudikant ikun akkwista, bil-provi forniti fil-ġudizzju, iċ-ċertezza morali tal-verità tal-fatt. Kif igħid Domat, "une preuve est tout ce qui persuade l'esperit d'une verité";

Fil-każ li qiegħed jiġi eżaminat, ix-xhieda tal-konvenut, sostnuta b'dik ta' Paolo Tabone u valutata fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha riżultanti mill-kumpless tal-provi, tipprova suffiċjentement, fil-fehma tal-ġudikant, il-fatt allegat mill-istess konvenut;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi milqugħa d-domanda tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mid-dokument fil-fol. 5 tal-proċess, b'kuntratt li sar għand in-nutar Carlo Micallef De Caro fit-30 ta' Mejju 1933, il-konvenut ikkostitwixxa ruħu debitur a favur ta' l-attur appellant u ta' Giovanni Portelli fis-somma ta' ..................;

Ikkunsidrat;

Illi l-obligazzjoni assunta mill-konvenut bl-imsemmi kuntratt favur l-appellant u Giovanni Portelli hija minnha nnifisha diviżibili, billi tikkonsisti fi ħlas ta' somma ta' flus (art. 1153 tal-Kodiċi Ċivili), u ma jikkonkorrux raġunijiet biex jiġi ritenut li l-eżekuzzjoni ta' dik l-obligazzjoni, kif prospettata u stabbilita fl-imsemmi kuntratt, ma tistax issir biċċa biċċa. Konsegwentement, il-konvenut kien fl-obligu li jħallas nofs is-somma ta' £38 lil Giovanni Portelli u n-nofs l-ieħor lill-attur appellant, bl-imgħaxijiet relativi, u l-ħlas ta' l-intier magħmul lil wieħed biss minnhom ma setax jillibera lid-debitur mill-obligu li jħallas lill-ieħor is-sehem tiegħu dovut mill-imsemmija somma ta' £38 bl-imgħax relativ. Fil-każ in eża-

mi, il-konvenut, tant fin-nota ta' l-eċċezzjoni (fol. 9) kemm fix-xhieda tegħu (fol. 16), jammetti illi ħallas id-dejn kollu lil Giovanni Portelli, u li ma ħallas xejn lill-appellant; u għalhekk, in bażi għal dak li ntqal fuq, b'dak il-ħlas huwa ma illiberax ruħu mill-obligu tiegħu versu l-istess appellant, assunt bl-imsemmi kuntratt tat-30 ta' Mejju 1933;

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba, id-domanda dedotta fl-att taċ-ċitazzjoni *jistħoqqilha tiġi milqugħa;*

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell, billi tirrevoka s-*sentenza* appellata u *tilqa'* t-talba miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat, li kontra tiegħu qiegħda ssir riżerva, "si et quatenus", kontra l-werrieta ta' Giovanni Portelli, għal dak li seta' ħallas żejjed lil-istess Portelli.